MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1044/2003

Kawza fil-lista: 39

**A B f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri C B u li, b' digriet tal-11 ta' Jannar 2005, giet sostitwita mill-Avukat Dottoressa Ramona Frendo bhala kuratrici ta' l-istess minuri**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku, D B u b' digriet tal-20 ta' April 2006 gie kjamat fil-kawza E B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettiet u talbu hekk:

Peress li l-attrici u l-konvenut izzewgu fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) filwaqt li l-minuri C B twieled fl-ewwel (1) ta' Frar

tas-sena elfejn (2000), kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li kopja tieghu hi hawn annessa u li ggib in-numru tal-istess sena (Dok A);

Peress li ghalkemm fic-certifikat tat-twelid isem il-missier it-tarbija gie indikat bhala dak tal-konvenut D B, fil-fatt, il-minuri gie koncepit fil-kors ta' relazzjoni ma' terza persuna kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Peress li kemm l-attrici, kif ukoll il-minuri ghandhom interess li jimpunjaw l-istat tal-istess minuri;

Peress ukoll li l-paternita' tal-imsemmi minuri tista' tigi stabbilita permezz ta' testijiet genetici appositi;

Ghaldaqstant jghidu il-konvenuti il-ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konveut D B mhuwiex il-missier naturali tal-minuri C B u jigi dikjarat li l-minuri C B huwa l-wild naturali tal-konvenut E B;

2. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid (Dok A) billi fil-kolonna intestata bil-kliem "Isem u Kunjom il-missier" jigi kkancellat l-isem tal-konvenut D B u jigi sostitwit bil-kliem E B kif ukoll kull fejn jitnisslu id-dettalji tal-konvenut imsemmi, jithassru konformament mal-kliem sostitwiti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti minn issa stess in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi kien il-konvenut D B stess li ghamel id-dikjarazzjoni tat-twelid tal-minuri fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet attrici jigu milqugha l-kliem “the said” iridu jigu kkancellati min taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni.

4. Illi ghandhom jinhatru kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-minuri stante illi jista’ jkun hemm kunflitt ta’ interess.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut D B a fol. 28 tal-process, u li sussegwentement gew irtirati in toto mill-istess konvenut permezz ta’ nota prezentata fl-udjenza tal-20 ta’ April 2006, salv dik dwar il-kap ta’ l-ispejjez;

Rat li l-kjamat fil-kawza ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda ta’ dawn il-partijiet;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat ir-relazzjoni tal-espert xjentifiku Dottor Renald Blundell, minnu debitament mahluf;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-minuri C B mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut D B, izda huwa l-wild naturali tal-

konvenut E B;  u talbet il-korrezzjoni relattiva fl-Att tat-Twelid tal-minuri, bin-numru 475 tas-sena 2000.

Illi ghalhekk l-azzjoni odjerna hija bazata fuq id-dispsot tal-Artikolu 77 tal-Kodici Civili li jiddisponi li l-legittimita’ ta’ tifel imwieled matul iz-zwieg tista’ tigi impunjata wkoll minn kull persuna interessata jekk din tipprova li fil-perijodu indikat fl-istess Artikolu r-ragel kien fl-impossibilita’ fisika li jghammar ma’ martu minhabba li kien boghod minnha.

F’ dan l-istadju u b’ referenza ghal valur probatorju tal-prova genetika f’ kazijiet konsimili bazati fuq id-dispost tal-Artikolu 77, il-Qorti taghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza *PA[PS] Anna Zammit vs Carmelo Zammit et noe deciza fit-28 ta’ Frar 2003.*

Mill-provi rrizulta li l-attrici A B u l-konvenut D B zzewwgu fis-26 ta’ April 1997. Illi r-relazzjoni matrimonjali bejn din il-kopja rriskontrat diffikultajiet mill-bidu taz-zwieg, u konsegwenzjalment l-attrici bdiet relazzjoni mal-kjamat fil-kawza E B u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri C fl-1 ta’ Frar 2000 li pero’ fl-att tat-twelid tieghu gie registrat bhala t-tifel tal-konvenut D B li kien ghadu mizzewweg lill-attrici.

Illi l-attrici ssostni kategorikament li meta hija bdiet ir-relazzjoni ma’ E B, ir-relazzjoni anke intima, ma’ zewgha D B kienet spiccat ghal kollox u li ghalhekk ma ghandha ebda dubju li t-tarbija hija l-wild naturali ta’ E B u mhux ta’ D B.

Illi r-rizultat ta’ testijiet tad-DNA li saru minn kampjuni mehudin minn fuq il-persuna ta’ l-attrici u tal-konvenuti D B u E B, jaghti konfort shih lit-tesi attrici, stante li r-rizultat ta’ dawn it-testijiet jeskludi lil D B bhala il-missier naturali tal-minuri C, filwaqt li stabbilew li l-minuri huwa l-wild naturali ta’ E B.  Ghalhekk tinsab esklusa b’ certezza assodanti l-preteza favor legittimatis krejata bl-att tat-twelid tal-minuri; u mill-provi akkwiziti jirrizulta li dan huwa l-wild naturali tal-konvenut E B.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-minuri C mhuwiex it-tifel naturali tal-konvenut D B, izda huwa t-tifel naturali tal-kjamat fil-kawza E B li ghandu n-numru ta' l-identita' 0286078M, imwieled imwieled San Giljan u li fiz-zmien tat-twelid tat-tarbija kellu 21 sena u kien joqghod il-Gzira; u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoreggi l-Att tat-Twelid numru 475/2000 tal-minuri C billi jitnehha l-isem u l-konnotati ta' D B u minflok jitnizzel l-isem ta' E B u l-konnotati tieghu.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati bil-mod segwenti: l-attrici thallas dawk relattivi ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku u ghall-kuratur tal-minuri, kif ukoll nofs l-ispejjez tar-rapport ta' l-espert xjentifiku, u ghandha wkoll tbati l-ispejjez taghha; il-konvenut D B ghandu jbati l-ispejjez tieghu oltre nofs l-ispejjez tar-rapport xjentifiku; filwaqt li l-kjamat fil-kawza ghandu jhallas l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------